11 ta' Diċembru, 1953.

Imħallfin:
Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà tar-Regina *versus* Gużeppi Zahra

**Falsifikazzjoni ta' Liċenza tas-Sewqan — Att Publiku — Att Awtentiku — Art. 1276 Kap. 23, u Art. 191 Kap. 12.**

*Att publiku huwa dak li jiġi magħmul jew riċevut bil-formalitajiet meħtieġa minn nutar jew minn uffiċjal publiku ieħor li jkollu s-setgħa li jagħti fidi lill-att publiku.*

*Att awtentiku ma hux definit mill-liġi; però xi dispożizzjonijiet ta' l-istess liġi juru biżżejjed x'tintendi l-liġi b'att awtentiku.*

*Il-falsifikazzjoni ta' liċenza tas-sewqan hija falsifikazzjoni ta' att publiku u awtentiku.*

*Il-liċenza tas-sewqan, biex tkun awtentika, ma għandhiex tkun neċessarjament firmata mill-Kummissarju tal-Pulizija; it-timbru uffiċjali tal-firma ta' dak l-uffiċjal huwa biżżejjed.*

*Lanqas ma huwa meħtieġ li l-liċenza tkun fiha l-firma tat-titolari tagħha.*

Il-Qorti, — Rat l-att ta' l-akkuża numru 9019;

Rat in-nota ta' l-akkużat, li biha eċċepixxa li l-fatti allegati fl-istess att ta' l-akkuża ma jikkostitwux ir-reat kontemplat mill-art. 191 dedott kontra l-akkużat;

Rat in-nota li biha l-Prosekutur ikkontesta din l-eċċezzjoni;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti komposta mill-Imħallef ordinarju tagħha, fid-data tas-17 ta' Novembru 1953, li bih il-kwistjoni hekk sollevata ġiet rinvijata għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti kolleġjalment komposta;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi fl-att ta' l-akkuża fuq imsemmi hemm espost il-fatt li l-akkużat, sabiex huwa u ċertu Ġorġ Mallia jistgħu jikru car "self-drive" bla ma kellhom liċenza tas-sewqan, ħa l-liċenza tas-sewqan ta' ħuh Carmelo Zahra, u għamel falsifi-

kazzjoni taghha billi qala' r-ritratt tal-veru titolari taghha, imiż biex jipprova l-identità tiegħu, u waħħal f'loku r-ritratt ta' George Mallia, u b'hekk biddel u altera fatt li dik l-istess liċenza kellha tipprova, ċjoè l-identità tat-titolari tagħha, biex b'hekk, falsamen, dak li lilu tiġi murija l-liċenza jaħseb li George Mallia kien Carmelo Zahra, il-veru titolari tal-liċenza; u in segwitu, wara li għamel din il-falsifikazzjoni, xjentement għamel użu mil-liċenza falsifikata billi ppreżentaha lil London Garage ta' l-Imsida, u bis-saħħa tagħha kera car "self-drive";

In bażi għal dawn il-fatti, hekk esposti, l-Attorney General akkuża lill-imsemmi Zahra talli għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u publiku, billi biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fattijiet, li dak l-att kellu jkollu fih jew kellu jipprova;

Dan hu r-reat li jinsab kontemplat fl-art. 191 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 12 Edizzjoni Riveduta;

**Ikkunsidrat;**

Illi d-difensur spjega l-eċċezzjoni tiegħu fil-kors tad-dibatti u quddiem din il-Qorti kolleġjalment komposta, u qal li, anki apparti kull irregolarità li d-difiża tippretendi li hemm fil-liċenza, il-fatti esposti ma jammontawx għar-reat dedott fl-att ta' l-akkuża, imma jammontaw għar-reat ta' falsifikazzjoni ta' dikjarazzjoni jew ċertifikat, li hemm imsemmi fit-tieni subartikolu ta' l-art. 193 tal-Kap. 12. Kompla jgħid l-istess difensur, li r-reat ma hux dak ta' l-art. 191, għaliex il-liċenza (anki jekk regolari f'kollox) ma hijiex att awtentiku u publiku kif irid dak l-artikolu. In subordine, id-difensur issottometta li l-liċenza la għandha l-firma tal-Kummissarju u lanqas għandha l-firma tat-titolari, u kwindi minn dan l-aspett lanqas hija att awtentiku;

**Ikkunsidrat;**

L-art. 191 tal-Kodiċi Malti ġie modellat fuq l-art. 291 tal-Codice delle Due Sicilie (ara Codice delle Due Sicilie Annotato, Avvocato D'Ettore, Ediz. 1860, paġina 68), fejn il-kliem — rilevanti għal dan il-każ — huma "scrittura autentica e pubblica". L-awtur Roberti jikkommenta hekk dwar il-kelma "autentica":— "La voce 'autentico', derivata dal

greco, dinota in generale ciò che ha un autore certo, e per conseguenza un'autorità............, Nel diritto romano vedesi usata per dinotare gli strumenti solennemente ricevuti, sottoscritti e sigillati........... anche vedesi usata per distinguere l'atto originale dalla copia............'' (ara Corso Completo del Diritto Penale del Regno delle Due Sicilie, 1836, Vol. VI, Lib. II, Tit. V, Capo II, Sez. I, pag. 13 nota);

Il-Crivellari (Vol. VII, pag. 240), għalkemm id-dispożizzjoni tal-Kodiċi Taljan ma hijiex l-istess, però jispjega x'inhu att publiku u att awtentiku, u jgħid hekk:— ''Atto è quello a cui la legge civile attribuisce forza probatoria. E' pubblico, quando ha per fine ed effetto di far fede in faccia a tutti, ed è creato con quelle forme che sono costituite per garanzia di tutti. Quando l'atto emana da tale che non solo è pubblico ufficiale, ma ha l'autorità di imprimere agli atti del suo ministero la virtù di fare piena fede, dicesi autentico'';

Fil-Liġi Maltija l-att publiku huwa dak li jiġi magħmul jew riċevut bil-formalitajiet meħtieġa minn nutar jew minn uffiċjal publiku ieħor li jkollu s-setgħa li jagħti fidi publika lill-att (art. 1276 Kap. 23 Edizzjoni Riveduta);

Ma hemmx fil-Liġi Maltija definizzjoni ta' att awtentiku; iżda d-dispożizzjonijiet ta' l-art. 627 et seq. tal-Liġijiet Proċedurali, Kap. 15, applikabili għall-każijiet kriminali bl-art. 513 (b) Kap. 12, juru biżżejjed x'tintendi l-liġi bil-kliem ''att awtentiku'', partikolarment mill-art. 636 (2), li jagħti d-definizzjoni ta' ''kopja'' awtentika. L-istess konċett joħroġ mis-subartikolu sitta (6) ta' l-art. 642 tal-Kap. 12 stess, fejn tissemma l-awtentiċità ta' l-attijiet jew reġistri notarili;

Issa, apparti għall-mument it-teżi subordinata tad-difiża dwar il-pretiżi irregolaritajiet tal-liċenza in kwistjoni, hu ċert li l-ewwel assunt tad-difiża hu insostenibili; għaliex ma jistax jkun hemm dubju li l-falsifikazzjoni ta' liċenza tassewqan hi falsifikazzjoni ta' att publiku u ta' att awtentiku, għaliex si tratta ta' att destinat li jagħti fidi publika tal-kontenut tiegħu, magħmul bil-formalitajiet meħtieġa, u rilaxxjat minn uffiċjal publiku li għandu skond il-liġi s-setgħa li jagħti fidi publika lill-att (ara Regolamenti tat-Traffiku, G.

N. 24 ta' l-1948, mnejn jidher li l-Kummissarju tal-Pulizija hu l-uffiċjal publiku investit minn din l-awtorità, li jirrilaxxja liċenzi tas-sewqan; u ara wkoll l-art. 16 tal-Kap. 105 li jagħti lill-Kummissarju l-jedd li jagħmel regolamenti dwar it-traffiku ta' cars);

Dwar it-'eżi subordinata tad-difiża;

Għandu jiġi osservat, qabel xejn, li hu dubbjuż jekk iddifiża tistax, f'dan l-istadju, tibbaża l-eċċezzjoni tagħha fuq il-pretiżi irregolaritajiet tal-liċenza (nuqqas ta' firma tal-Kummissarju u nuqqas ta' firma tat-ti'olari). Infatti, l-eċċezzjoni, fil-kliem stess tal-liġi (art. 461 (5) (b) Kap. 12), għandha bħala wieħed mill-fatturi tagħha "il-fatt miġjub fl-att ta' l-akkuża", u fl-att ta' l-akkuża l-fatt miġjub hu ta' liċenza "rilaxxjata u ffirmata mill-Kummissarju tal-Pulizija, l-awtorità kompetenti skond il-liġi". Vwoldiri, il-fatt "espost" hu ta' liċenza regolari, u d-difetti allegati mid-difiża huma kwistjoni ta' fatt, li toħroġ minn dak li hemm espost fl-att ta' l-akkuża; mentri eċċezzjoni simili, mogħtija "f'dan l-istadju", għandha tiġi bażata biss fuq dak li jidher mill-istess att ta' l-akkuża, u mhux fuq dak li jista' jirriżulta bħala fatt fi stadju ieħor; molto pjù li kwistjonijiet ta' fatt huma ta' kompetenza tal-ġur.ti (ara "Regina vs. Calleja", 19 Agosto 1887, fejn intqal, għar-rigward ta' eċċezzjoni simili, li "la quistione dipende da ciò che l'atto di accusa medesimo presenti 'sulla sua faccia', indipendentemente dalle prove che dei fatti enunciativi possono essere addotte nel giudizio, prove che appartiene al giuri, e non alla Corte, di apprezzare.............." Ara wkoll "Regina vs. Azzopardi", 7 ta' Ġunju 1899, fejn ġie ripetut l-istess konċett li "allo stadio iniziale del procedimento nulla si poteva esaminare all'infuori della quistione se l'atto di accusa presentasse nella sua forma e nella descrizione del reato qualche difetto contemplato nella legge a pena di nulità..........."). Kien għalhekk li eċċezzjoni simili 'ista' tingħata anki wara l-verdett tal-ġuri; u kien għalhekk ukoll li l-ġuri ġie fakoltizzat bl-artikolu 491 (3) Kap. 12 li, fuq mistoqsijiet tal-Qorti, jillimita ruħu għalbiex igħid jekk il-fattijiet ġewx jew le pruvati, u jħalli lill-Qorti li tiddeċidi jekk dawk il-fattijiet jikkostitwux ir-reat

dedott;

Forsi, però, fil-każ in eżami, jista' jingħad li l-liċenza hi parti mill-espost fl-att ta' l-akkuża, ġaladarba tissemma fih, u li n-nuqqasijiet rilevati mid-difiża huma rilevabili "ictu oculi", u ma humiex kwistjoni ta' provi. Għalhekk il-Qorti tħoss li, taħt dan l-aspett eċċezzjonali, tista' teżamina l-alternativa prospettata mid-difiża;

Issa, kwantu għall-firma tal-Kummissarju, ma hemm ebda liġi li tgħid li l-liċenza għandha tkun firmata mill-Kummissarju. Il-liġi tgħid li jeħtieġ li tkun liċenza "tal-Kummissarju" (reg. 37), imma mhux li jeħtieġ li tkun firmata mill-Kummissarju (ara wkoll reg. 40). Issa, kieku kien hemm fil-liġi li hemm bżonn li tkun firmata mill-Kummissarju, kif hemm, per eżempju, fl-art. 28 (1) (k) Kap. 92 għar-rigward tan-nutari u attijiet notarili, allura l-eċċezzjoni kien jista' talvolta jkollha konsistenza. Imma fil-liġi ma hemmx dan ir-rekwiżit, u għalhekk it-timbru uffiċjali tal-firma tal-Kummissarju huwa suffiċjenti, għax dik il-firma ttimbrata l-istess tagħti fidi lill-att, u l-istess att hu maħruġ mill-uffiċjal kompetenti. Jekk id-difiża trid tikkontesta l-ġenwinità tal-firma ttimbrata, din hi kwistjoni li teżorbita minn din l-eċċezzjoni;

In-nuqqas l-ieħor rilevat mid-difiża hu li l-liċenza ma ġietx iffirmata mit-titolari, mentri l-liġi (reg. 40 G.N. 24 ta' l-1948) trid illi l-liċenza tkun "signed by the person to whom it is issued". Dan ir-riljev ma jgħinx lid-difiża. L-eċċezzjoni tagħha qiegħda impernjata fuq jekk l-att hux awtentiku u pubbliku. Il-konċett ta' l-awtentiċità u x-xorta publika ta' l-att huma relativi "mhux" għat-titolari, imma relativi għall-uffiċjal li jagħti fidi lill-att, u li hu kompetenti li joħroġ l-att. Dment li l-att hu maħruġ mill-uffiċjal kompetenti u hu att li jagħti fidi publika, hemm ir-rekwiżiti ta' att awtentiku u publiku. Lanqas jista' jingħad li mingħajr il-firma tat-titolari l-att ma ġiex magħmul bil-formalitajiet meħtieġa, għax hu ċar li dawn il-formalitajiet huma dejjem in relazzjoni "għal dak li jiddependi mill-uffiċjal publiku". L-ommissjoni tal-privat li jiffirma l-liċenza ma tistax tinvalida dak li jkun għamel l-uffiċjal publiku skond il-liġi. Di-

fatti, fil-prattika l-liċenza tingħata lit-titolari bl-ispazju għall-firma tiegħu vojt, u mbagħad hu għandu jieħu ħsieb jiffirmaha għall-protezzjoni tiegħu nnifsu, iżda mhux bħala garanzija ta' l-awtentiċità jew tax-xorta publika tal-liċenza. Qabel ma *l-privat jiffirma, il-liċenza tkun diġà att publiku u awtentiku,* għax tkun ġiet maħruġa mill-uffiċjal li għandu joħrogħa, u li hu investit mill-poter li jagħtiha fidi publika;

Diversament ma kienetx tista' tinħareġ liċenza lill-analfabeti, għax fuq il-liċenza ma hemm ebda spazju biex issir xi marka f'lok firma u biex tiġi awtentikata, u l-liġi ma tipprovdix *għal dan, u tipprezumi li l-"licencee" jista' jiffirma;*

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċidi:

Billi tiċħad l-eċċezzjoni tad-difiża u tirrimetti l-proċess lill-Imħallef ordinarju għat-trattazzjoni.

---

**Tmiem ta' l-Ewwel Sezzjoni**
**tar-Raba' Parti**
**tal-Volum XXXVII.**

---